MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 167/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs.**

**Silvano Cilia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif emendati b'digriet ta' din il-Qorti tas-27 t'April 2009[1] - migjuba kontra Silvano Cilia, bin Emanuel u Georgina nee' Cutajar, imwieled Pieta' fis-16 ta' Marzu 1975, residenti Nru 5, Triq Santa Marija, Sqaq Nru 4, Ghaxaq jew 'Pija', Flat 1, Triq San Tumas, Safi u detentur tal-karta tal-identita' numru 150275M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-21 ta' Marzu, 2009 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;
2) Ikkommetta l-imsemmi reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22(2b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3) Il-Qorti hija mitluba titratta ma l-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija mill-Magistrat Dr. Abigail Lofaro u datata 23 ta' Lulju, 2002.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Ara fol. 30 tal-process.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fil-21 ta' Marzu 2009, fil-ghodu, il-Pulizija tad-Drugs Squad marru jezegwixxu mandat gewwa Hal-Safi. Waqqfu lill-imputat li kien qed isuq karozza Peugeot hadra u mieghu kellu lil Romina Cachia, li dak il-hin kienet qed tixtri minn hanut.
2. Saret tfittxija fuqhom, u fil-handbag ta' Romina Cachia instabu erba' (4) pilloli DHC's, pero fuq l-imputat ma nstab xejn illegali.
3. Iktar tard il-Pulizija marru fir-residenza ta' Romina Cachia u hemm hekk mill-kuritur minn fuq il-gradenza giet elevata kaxxa sewda li fiha kien hemm ammont ta' pakketti bi trab kannella.
4. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li hu kien ilu jghix ma' Romina Cachia x-xhur.[2]
5. Fl-istess stqarrija l-imputat ammetta li kien jabbuza mid-droga eroina u li jiehu id-DHC's. L-ahhar darba li abbuza mid-droga eroina kien il-gurnata ta' qabel. Hu qal li kien jiehu hames pakketti fil-ghodu, hamsa ohra f'nofs-in-nhar u hamsa ohra fil-ghaxija. Hu qal ukoll li jixtri gramma u jaqsamha f'disa' pakketti, u li ma kienx jaf bil-kemm kien jixtriha l-gramma. Hu

[2] Ara stqarrija tal-imputat ezebita bhala Dok JF1 a fol. 16 tal-process.

ammetta li l-25 pakkett eroina go kaxxa sewda li instabu fir-residenza fejn kien jghix, kienu tieghu, u kien juzahom ghall-uzu personali tieghu.

6. Fl-istqarrija l-imputat qal ukoll li huwa kellu ricetta ghal pilloli DHCs.
7. L-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Johann Fenech xehed li meta kellem lil Romina Cachia hija qaltlu li gieli kienet tiehu d-droga mal-imputat.[3]
8. Mir-relazzjoni tal-espert ix-xjenzat Godwin Sammut irrizulta li fil-fatt kien hemm 28 pakkett, u mhux 25 pakkett kif xehed l-Ispettur Johann Fenech. Il-piz taghhom kien ta' cirka 0.1 grammi-il wiehed u l-piz totali kien ta' 3.16 grammi. Is-sustanza ta' go dawn il-pakketti kienet eroina u l-purita kienet ta' cirka 30%.[4]

Il-fatti suesposti mhux qed jigu kontestati mill-kontendenti. Dak li qed jigi kontestat – u allura irid jigi deciz minn din il-Qorti – huwa jekk it-28 pakkett eroina li nstabu fir-residenza tal-imputat kienux ghal uzu tieghu personali - kif qed jallega hu - jew jekk ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu – kif qed tallega l-Prosekuzzjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Marius Mallia**, deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:

*"Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio*** *[26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri*** *[2.9.1999]*

*Illi pero kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemmm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant ... ... (App. Krim.* ***Il-Pulizija vs. Brian Caruana*** **[23.5.2002])**

[3] Ara xhieda tal-Ispettur Johann Fenech a fol. 14 tal-process.
[4] Ara relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut ezebita bhala Dok GS a fol. 51 tal-process.
[5] *Per* Imhallef J. Galea Debono.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] spjegat illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

In oltre fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, deciza fit-18 t'Awwissu 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] irriteniet illi: *"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat imqar fuq bazi ta' probabbilita', li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-artikolu 26(1) tal-Kap. 101."*[8]

Issa fil-kaz odjern, l-ammont ta' 28 sachet ta' droga eroina, m'huwiex ammont li wiehed normalment jassocja ma' uzu personali. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jiggustifika dan l-ammont billi jghid li huwa *a heavy user,* tant li jikkonsma hames pakketti fil-ghodu, hames pakketti f'nofs-in-nhar u hames pakketti fil-ghaxija.

---

[6] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[7] *Per* Imhallef J. Galea Debono.
[8] L-Artikolu 26(1) tal-Kapitolu 101 jippreskrivi illi: *"F'kull proċediment kontra persuna għal reat kontra din l-Ordinanza, ma jkunx jinħtieġ li ssir il-prova tan-nuqqas ta' liċenza, awtorizzazzjoni jew materja oħra ta' eċċezzjoni jew difiża, u l-obbligu li jipprova li hemm din il-liċenza, awtorizzazzjoni jew materja ta' eċċezzjoni jew difiża jmiss lill-persuna li tkun trid tinqeda biha."*

Pero, fir-rigward ta’ din il-gustifikazzjoni li jaghti l-imputat, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. L-asserzjoni tal-imputat li huwa a *heavy user* tant li jikkonsma hmistax-il pakkett eroina kuljum, m’huwiex kompatibbli mal-fatt li fir-residenza fejn ilu joqghod ghal diversi xhur, il-Pulizija ma sabux oggetti relatati mal-abbuz tad-droga eroina, bhal per ezempju foil mahruq, seringi, uzati jew godda, u citric acid.

2. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li hu jixtri gramma eroina u jaqsamha f’disa’ (9) pakketti – fil-fatt il-pakketti li instabu kien fihom circa 0.1 grammi kull wiehed. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li din l-asserzjoni tal-imputat mhix kompatibbli mal-asserzjoni precedenti tieghu li hu jikkonsma hmistax (15)-il pakkett kuljum, ghax dan ifisser li l-imputat jikkonsma 1.5 grammi (0.1g x 15) eroina kuljum. Ghalhekk la darba minn gramma eroina johrog disa’ (9) pakketti, dan ifisser li gramma eroina lanqas isservih biex jabbuza darbtejn kuljum, ghax kull darba li jabbuza, skont il-verzjoni tieghu, hu jikkonsma hames (5) pakketti.

3. Fit-tieni lok ma jaghmel l-ebda sens logiku li l-imputat joqghod jaqsam gramma eroina f’pakketti ta’ 0.1 grammi, meta huwa jaf li jikkonsma 5 pakketti f’daqqa, cioe 0.5 grammi (0.1g x 5). Jekk huwa vera li jikkonsma 5 pakketti kull darba li jabbuza mill-eroina, jaghmel aktar sens li l-eroina jaqsamha f’pakketti ta’ 0.5 grammi.

4. Ghalkemm meta, waqt l-istqarrija, l-imputat gie mistoqsi kemm jikkonsma, huwa wiegeb, li kien jikkonsma fil-ghodu, f’nofs-in-nhar u fil-ghaxija, kif diga inghad, meta gie mistoqsi aktar qabel meta kien abbuza l-ahhar, hu wiegeb li hu abbuza l-ahhar il-gurnata ta’ qabel – minghajr ma jispecifika fi x’hin. Jekk wiehed jassumi, ghall-beneficcju tal-imputat, li l-imputat kien abbuza l-ahhar il-gurnata ta’ qabel fil-ghaxija, dan ifisser li tal-anqas, l-imputat naqas li jabbuza dak in-nhar fil-ghodu li gie arrestat. Issa, huwa notorju li *compulsive drug addict* – kif pinga ruhu l-imputat – ikollu *withdrawal symptoms* koroh hafna wara li jghaddi l-effett tal-eroina, u ma jergghax jabbuza mid-droga. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-imputat kellu xi *withdrawal symptoms* meta gie arrestat fil-ghodu.

5. Huwa interessanti ukoll li meta gie mistoqsi kemm kienu ilhom ghandu il-pakketti tal-eroina li nstabu mill-pulizija, l-imputat ghazel li ma jwiegibx, u meta mistoqsi bil-kemm kien jonfoq ghal gramma eroina, l-imputat wiegeb li ma jafx bil-kemm jixtriha – u dan meta skont il-versjoni tieghu stess, kien jixtri eroina bizzejjed biex jikkonsma 1.5 grammi kuljum.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti l-imputat ma rnexxielux jipprova sal-grad tal-probabbli li d-droga li instabet mill-pulizija kienet ghal uzu esklussiv tieghu. In oltre, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hemm provi u cirkostanzi bizzejjed biex iwassluha ghal konvinciment morali rikjest fil-kamp penali, li din id-droga ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Pero, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni, cioe pussess tad-droga aggravat, limitatament ghal gurnata tal-21 ta’ Marzu 2009, meta nstabu l-pakketti tad-droga fuq imsemmija, u mhux qed issibu hati ukoll li kellu fil-pussess tieghu droga mhux ghal uzu esklussiv tieghu fis-sitt xhur qabel din id-data, stante li ma ngabet l-ebda prova ta’ din l-allegazzjoni fic-citazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, u cioe l-aggravju li r-reat sar fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru tal-postijiet elenkati fl-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, id-difiza ivverbalizzat f’dawn il-proceduri li mhux qed tikkontesta dan l-aggravju, dejjem jekk ikun ippruvat ir-reat.[9] In vista li r-reat gie ppruvat, dan l-aggravju huwa ammess mid-difiza.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, u cioe dak tar-recidiva, din giet pruvata bis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta’ Lulju 2002 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Christie, Stephan Grech, Silvan Cilia u Kevin Sammut**.[10]

**Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar il-Piena**

---

[9] Ara verbal tas-seduta tas-27 ta’ April 2009 a fol. 31 tal-process, u verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar 2010 a fol. 62 tal-process.
[10] Ezebita bhala Dok JF a fol. 65 tal-process.

Dwar il-piena, din il-Qorti ikkunsidrat li l-ammont ta' 28 pakkett eroina, b'piz totali ta' 3.16 grammi, mhux wiehed insinifikanti.

F'dan il-kaz hemm l-aggravvju tad-distanza kontemplat fit-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad.

Mill-fedina penali aggornata tal-imputat jirrizulta illi ghandu tnax (12)-il kundanna minn dawn il-Qrati, tlieta minnhom ta' serq aggravat.

In oltre gie ippruvat li l-imputat huwa recidiv, u fic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi grad iehor.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih in kwantu jirrigwardaw is-sitt xhur ta' qabel il-21 ta' Marzu 2009 u ghalhekk qed tilliberah minnhom, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih in kwantu jirrigwardaw id-data tal-21 ta' Marzu 2009, u tikkundannah ghal piena ta' tlett (3) snin prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' tlett elef Euro (€3,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u disghin Ewro u erba' u tmenin centezmu (€390.84), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------